# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 6 ta' Lulju, 2022

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 99/2021 ISB**

1. **Carmel Gauci (K.I. 172261M)**
2. **Anthony Gauci (K.I. 323056M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Carmel Gauci** u **Anthony Gauci**, intavolat fit-22 ta' Novembru 2021, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

*"...tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tar-Regolament numru 9(4) tar-Regolamenti dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners) Legizlazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` Big Ben Properties Limited bin-numru ta' regsitrazzjoni C-10097 fir-Registru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk is-socjeta` titqies li kompliet bl-esistenza taghha daqs li kieku isimha ma giex imhassar u*

*jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattiva ghal tali inserzjoni fir-Registru tal-Kumpanniji u dawn taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xieraq u opportuni."*

U dan wara li ppermettew:

*"Illi is-socjeta` Big Ben Properties Limited bin-numru ta' registrazzjoni C-10097 registrata fl-indirizz Prince House, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex giet xolta u imhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji mizmuma mill-intimat b'effett mill-20 ta' April 2021 [**Dok.A]** ai termini ta` Regolament 9(3) tar-Regolamenti dwar Companies Act (Register of beneficial Owners), [Legizlazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta], u dan wara avviz mibghut mir-Registratur tal-Kumpanniji datat 1 ta' Dicembru 2020 [**Dok.B**] informa lill-istess socjeta` li dina ma kinitx konformi mar-regolamenti infraskritti billi hija kienet ghadha ma baghtitix l-informazzjoni dwar il-Beneficial Owners tal-Kumpannija;*

*Illi l-esponenti kienu azzjonisti u diretturi tas-socjeta` Big Ben Properties Limited u dan skond ma jirrizulta minn **Dok. C** hawn anness;*

*Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati b'tali thassir u ghandhom kull interess li l-istess socjeta` terga` titqieghed fuq ir-Regsitru tal-Kumpanniji;*

*Illi minkejja li giet imhassra, il-kumpannija kienet ghadha proprejatrja ta' propjeta` immobbli u dan precizmanet ossia prozjoni diviz ta' art formanti parti minn porzjon ikbar sitwata geww Birguma limiti tan-Naxxar liema propjeta' kienet giet akkwistata in forza ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba nhar is-6 ta' Novembru 1989 [**Dok.D**]*

*Illi jekk is-socjeta` Big Ben Properties Limited ma tergax titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrenti ser isofru danni irreparabbli, billi l-assi tal-istess socjeta` senjatamanet il-proprjeta` li ghadha tifforma parti mill-assi tal-istess sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta;*

*Illi l-esponenti huma lesti li jiehdu kwalsiasi azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni. Infatti, l-esponenti gia` kkagunaw li jkunu preparati l-kontijiet u formoli kollha tas-socjeta` Big Ben Properties Limited biex l-istess ikunu jisghu jigu registrati;*

*Illi dan ir-rikors qieghed isir fit-terminu tal-hames snin previsti fir-Regolament 9(4) tal-Ligi Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-esponenti huma persuni interssati fit-terminu ta' dan ir-Regolament.*

Rat **id-dokumenti** li kienu preżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 24).

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-24 ta' Jannar 2022 (ara tergo ta` fol 26).

Rat **id-digriet** taghha tas-17 ta' Jannar 2022 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 fil-12:15 p.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fit-8 ta' Frar 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 27) bid-dokument hemmek anness (fol 33 sa fol 42), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi r-rikorrenti kienu d-diretturi tal-kumpanija Big Ben Properties Limited ("il-kumpanija"), li ġġib n-numru ta' reġistrazzjoni C 10064, u mhux C 10097 hekk kif indikat fir-rikors promotur. Il-kumpanija kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fis-7 ta' Novembru 1988;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur kien dak tas-sena 2016 u l-aħħar prospett annwali kien dak tas-sena 2015;*

*Illi apparti dan, il-kumpanija in kwistjoni, naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations (Liġi Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta) u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u 'l-uffiċjali tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha Big Ben Properties Limited, Prince House, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex - Malta kif ukoll lil kull wieħed mid-diretturi taghħa, u ċioe' lil Anthony Gauci fl-indirizz "Taurus", Coast Road, Naxxar, Malta u kif ukoll lil Carmel Gauci, fl-indirizz 31, Main Street, Birkirkara, Malta datati l-1 ta' Diċembru 2020;*

*Illi fl-20 ta' Jannar 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha, skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx għall-ewwel ittra fi żmien xahar, jew sussegwentament fi żmien tliet xhur ma tweġibx jew ma tintweriex raġuni biex isir kuntrarju għall-avviż ippublikat, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fl-20 ta' April 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*
*Illi madanakollu jidher biċ-ċar illi l-uffiċjali tas-soċjeta' rikorrenti qatt ma kellhom interess li jimxu b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqsu milli jirreġistraw dokumenti mandatorji, inkluż ukoll l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji mar-Reġistratur għal numru ta' snin, minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilhom;*

*Illi tajjeb jingħad ukoll li r-rikorrenti injoraw il-multi illi jfakkruhom f'tali nuqqas u qatt ma affettwaw il-pagamenti tal-multi tul in-nuqqas mill-obbligu tagħhom li jirreġistraw tali dokumentazzjoni mar-Reġistratur. Illi l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal EUR 840 u filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti u kif*

*ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 8,320.50; biex b'hekk l-ammont dovut a kreditu tar-Reġistratur jammonta għal total ta'* ***EUR 9,160.50;***

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni fuq is-sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant r-Reġistratur lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2022, dehru l-Avukat Cynthia Galea u l-Avukat Karl Briffa għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza d-difensuri tar-rikorrenti iddikjaraw illi r-rikorrenti kienu disposti jirregolarizzaw l-posizzjoni tas-socjeta` Big Ben Properties Limited;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Mejju 2022, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjeta` Big Ben Properties Limited (C-10064) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi fir-risposta tiegħu l-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji ssolleva l-fatt li fir-rikors promotur kien indikat in-numru tar-Reġistrazzjoni tas-soċjeta *de quo* ħażin u ċioe li dan kellu jkun C-10064 u mhux C-10097, kif indikat mir-rikorrenti. Il-Qorti rat l-atti tal-kawża u partikolarment d-dokumenti annessi mar-rikors promotur li jindikaw in-numru tar-Reġistrazzjoni C-10064 u għalhekk hija tal-fehma li dan kien żball jew żvista da parti tar-rikorrenti u

għalhekk sejra tikkunsidra r-rikors fir-rigward tas-soċjeta Big Ben Properties Limited bin-numru tar-Reġistrazzjoni C-10064.

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma azzjonisti u diretturi tas-soċjeta' **Big Ben Properties Limited (C-10064)**, liema kumpannija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji fl-20 ta' April 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Illi r-rikorrenti iddikjaraw mill-bidu, illi huma kienu lesti li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni Big Ben Properties Limited.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali u kif ukoll informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjajri.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-*

> *kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija **Big Ben Properties Limited (C-10064)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati mar-rikors u r-risposta jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellhom ir-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpannija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti żammew kelmithom u l-promessa magħmula fir-rikors minnhom mressaq u ukoll fl-ewwel udjenza nżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Big Ben Properties Limited (C-10064)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Big Ben Properties Limited (C-10064)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Big Ben Properties Limited (C-10064)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**